14 ta' Diċembru, 1956

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;***
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.**
**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.**

Vitor Gauci *versus* Vincenza Tabone ne.

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Emigrazzjoni — Familja**

*Huwa veru li min jemigra għandu jiġi preżunt li mar biex joqgħod permanentement jew għal żmien twil, u mhux preżumibbli li jżomm post hawn Malta biex imur joqgħod fih jekk u meta jerġa' lura; iżda ma jistax jiġi ritenut li l-emigrant li jitlaq minn Malta u jħalli fid-dar in-nies tal-familja tiegħu, li kienu joqgħodu miegħu minn żmien qabel, ikun abbanduna l-kera ta' dik id-dar, jew ikun tilef id-dritt li jibqa' jżommha b'kera biex fiha jkomplu jgħammru dawk in-nies tal-familja li kienu joqgħodu miegħu.*

Il-Qorti; — Rat ir-rikors ta' Vitor Gauci quddiem il-Board li Jirregola l-Kera, fejn talbet biex terġa tiehu taht idejha l-fond 168 Main Street, Mellieħa, mikri lil Manwel Tabone, billi dan emigra għall-Awstralja;

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn dak il Board fil-11 ta' Lulju 1956, li biha ġiet miċħuda t-talba, mingħajr taxxa tal-ispejjeż; wara li kkunsidra;

Illi John Gauci, it-tifel tar-rikorrenti, xehed illi jrid il-post biex imur joqgħod fih huwa bil-familja tiegħu, li tik-komprendi ........ Irid il-post tal-intimat għaliex fih iżjed taqsim; però ma għandux "alternative accomodation" x'joffri;

Vincenzo Tabone, li kien joqgħod ma' missieru, u għadu fil-post in kwistjoni mal-familja tiegħu, xehed illi missieru mar l-Awstralja bl-intenzioni li jara t-tfal u jerġa' lura, għaliex ippromettewlu bil-miktub illi jagħtuh il-flus ħalli jir-rifondi l-prezz tal-passaġġ lill-Gvern;

Skond Rosaria mart Vincenzo Tabone ...........;

Għalhekk ma jistax jingħad li Manwel Tabone mar l-Awstralja biex joqgħod permanentement, għaliex altrimenti ma kienx ikun preżumibbli li ried iżomm dar hawn Malta biex imur joqgħod fiha qabel u meta jirritorna (App. "Degiorgio vs. Baldacchino", 26 ta' Mejju, 1952, Kollez. Vol. XXXVI-I-113);

B'verbal tat-18 ta' Frar 1956 ir-rikorrenti talbet illi żżid bħala kawżali li trid il-post għall-bintha, li sejra tiżżewweġ; ebda prova, però, ma saret fuq dan il-punt;

Dwar l-ewwel kawżali, ladarba Manwel Tabone għadu kerrej tal-fond, għandu jiġi provvdut lilu u lill-membri tal-familja tiegħu "alternative accomodation"; u in difett it-talba ma tistax tiġi milqugħa; u dan anki għaliex ma rriżultat ebda sullokazzjoni jew ċessjoni tal-inkwilinat da parti tiegħu, billi Vincenzo Tabone kien jabita ma' missieru fil-fond in kwistjoni;

*Omissis;*

Rat ir-rikors quddiem din il-Qorti tal-imsemmija Vitor armla minn Simeone Gauci, li talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u t-talba tagħha tiġi milqugħa; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi rriżulta mill-provi li l-post imsemmi fir-rikors kien ġie mikri lil Emmanuele Tabone, li f'Settembru tas-sena l-oħra mar l-Awstralja bl-"assisted passage", li minnu jużufruwixxu biss l-emigranti. Minn żmien qabel siefer l-imsemmi Emmanuele Tabone kellu miegħu f'dik id-dar lil ibnu Vincenzo ma' martu Rosina, li baqgħu jgħixu hemm u għadhom hemm sal-lum;

**Tikkunsidra;**

Illi, kuntrarjament għal dak li jinsab fis-sentenza appellata, l-offerta ta' "alternative accomodation" mhix kondizzjoni "sine qua non" biex is-sid jew il-lokatur ikun jista' jirriprendi l-pussess tal-fond; u għalhekk id-difett ta' offer-

ta simili ma kellhiex neċessarjament iġġib għall-esklużjoni tar-rikorrenti mit-talba tagħha;

Illi huwa veru li min jemigra għall-Awstralja għandu jiġi preżunt li mhux biex joqgħod permanentement jew għal żmien twil, u mhux preżumibbli li jżomm post hawn Malta biex imur joqgħod fih jekk u meta jerġa' lura (Vol. XXXVI-I-117); iżda ma jistax jiġi ritenut li l-emigrant li jitlaq minn Malta u jħalli fid-dar nies tal-familja, li kienu minn żmien qabel joqogħdu miegħu, ikun abbanduna i-kera ta' dik id-dar, jew ikun tilef id-dritt li jibqa' jżommha b'kera biex fiha jkomplu jgħammru dawk in-nies tal-familja li kienu joqgħodu miegħu. Jingħad ukoll li, skond il-liġi tal-kera (art. 2 Ord. XXI tal-1931 — Kap. 109 Ediz. Riv.), meta l-inkwilin imut u jkun armel, dawk il-membri tal-familja tiegħu li kienu joqogħdu miegħu meta miet jiġu kunsidrati bħala inkwilini; u dan evidentement biex dawn in-nies ma jsibux ruħhom f'nofs it-trieq. L-istess raġuni timmilita a favur ta' dawk il-membri tal-familja tal-emigrant li baqgħu Malta, u li kienu joqgħodu miegħu;

**Ikkunsidrat;**

Illi rigward il-"hardship" din il-Qorti taqbel mal-Board illi, kieku t-talba kellha tiġi milqugħa, il-"hardship" tal-intimat ikun akbar minn dak tal-appellanti jekk l-istess talba tiġi respinta;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellanti Gauci.